# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 12. IS-SIBT, L-1 TA' MEJJU, 1943. Nru. 12.

# KELMTEJN M ILL-EDITUR

**Il-Ħitan tal-Għelieqi**

FTIT snin ilu kont qiegħed indawwar Malta lil wieħed Professur li ġie hawnhekk għal xi ftit ġimgħat mistrieħ. Hu kien jinteressa ruħu wisq fil-biedja. Meta ġie biex jitlaq mill-Gżira, faħħar ħafna bi kliem mill-isbaħ lill-bidwi tagħna, iżda fost kliem ieħor kien qalli ħaġa li ma setgħet qatt tmur minn quddiem għajnejja; hu qalli: "Qatt ma rajt daqshekk ħitan f'ħajti kollha"!

Minn dak iż-żmien, kull meta nkun indur il-kampanja u nara dawk il-ħitan jaqsmu l-għelieqi tagħna, jiena dejjem naħseb x'qatt wieħed jista' jagħmel biex ineħħi dawk il-ħitan. Bosta huma l-fehmiet li liżi fissruli sew il-bdiewa kemm ħbieb oħra li jifhmu fil-biedja. Il-biċċa l-kbira minn dawn jaqblu fil-fehma illi dawn il-ħitan huma meħtieġa.

Hu x'inhu, jekk nispiċċaw biex naqblu li huma bżonjużi, ma nistgħux nagħmlu xi ħaġa biex ngħattuhom?

Il-bidwi, m'għandniex xi ngħidu, mhux sejjer jiżra' l-kampanella mal-ħitan tal-għalqa, imma, m'għandniex xi ngħidu, jista' wieħed ixeblek xi ħaġa tal-ikel, bħalma hi l-fażola. Iżda dan ikun jiswa biss għas-saqwi. Fil-bagħli, u fejn it-trab mhux qasir, jista' wieħed iħawwel xi siġar tal-frott u jrabbihom bi friegħi mifruxa ċatti mal-ħajt u fil-baxx?

Mhux talli tkun kieku ħaġa sabiħa li wieħed jagħmel dan, iżda tkun ħaġa ta' siwi kbir.

Hawnhekk nistħajjel li l-bdiewa kollha jgħidu-li: u x'nagħmlu għas-serq?

Hi tassew ħasra illi l-bidwi jkollu jitlef daqshekk żmien biex jindokra ħwejġu. Iżda nittamaw li din is-sena l-ħsara mis-serq tkun wisq inqas mis-sena l-oħra, jew xejn. Madankollu, jekk wieħed ma jagħmilx siġar tal-frott jew ħwejjeġ oħra mal-ħitan li jagħtu għat-trieq jew fejn jintlaħqu, jista' għall-inqas igħatti l-ħitan ta' ġewwa fejn jaqsam għalqa mill-oħra?

* * *

**Għaqdiet Ko-operattivi**

Iż-żmien mhux fil-bogħod meta l-bidwi jsib illi jkollu ta' bilfors ibigħ fl-istess suq *ma' sħabu*. Dan il-lum qiegħed isir bis-saħħa tal-Gvern li mħabba l-gwerra qiegħed jiġbor u jbigħ kollox hu; iżda fi żmien il-paċi l-bidwi għad isib illi jkun jinħtieġ li jgħaqqad ix-xirkiet ko-operattivi biex iwassal fis-suq il-prodotti tiegħu u biex hu jkun jista' jgawdi l-aħjar prezzijiet.

Il-kelma "ko-operazzjoni" hi użata bħala sistema ta' għajxien u fil-kummerċ b'sens ġenerali flok "taħdem flimkien" (*con*, ma', u *opus*, xogħol). Fis-sens li nixtieq nagħti jien f'dawn il-kelmtejn tiegħi tfisser "għaqda ta' nies li biex jekonomizzaw jixtru flimkien u jbigħu flimkien". Dan ifisser illi fil-ħajja u fil-kummerċ il-bniedem tax-xogħol flok ifittex li bħall-imgħoddi hu jaħdem għalih u għall-familja tiegħu biss u jipprova jgħaddi 'l quddiem billi jgħarraq jew jiżgura lil sieħbu, taħt din is-sistema hu jgħin lil sieħbu u flimkien jipprova jagħmel progress f'sengħtu, itejjeb is-swieq u b'hekk igħaddi ħajja iżjed kuntenta u jkabbar il-qligħ tiegħu. Fi ftit kliem, il-kelma "ko-operazzjoni" tfisser "*kull wieħed għal kulħadd, u kulħadd għal kull wieħed*".

L-Għaqdiet Ko-operattivi bdew l-istorja tagħhom fl-Ingilterra f'nofs is-seklu tmintax, u minn dak iż-żmien baqgħu dejjem jikbru u jiżdiedu. M'għadniex xi ngħidu, hemm ħafna xorta ta' għaqdiet ko-operattivi u m'humiex biss fil-biedja.

F'Malta l-ewwel pass biex jitwaqqfu għaqdiet ko-operattivi kien sar mis-Sur Karm Zammit Marmarà li waqqaf "Għaqda Ko-operattiva tal-Bdiewa" fl-1928, iżda l-kampanja ta' Malta ma kenitx għadha 'l quddiem biżżejjed biex tifhem is-siwi ta' għaqda bħal dik.

Mhux biss l-għaqdiet ko-operattivi ħadmu fil-pajjiż bejn l-istess klassi ta' ħaddiema, iżda talli wkoll kienu qegħdin jitwaqqfu għaqdiet ko-operattivi ta' l-isess klassi ta' ħaddiema f'pajjiżi bogħod minn xulxin. Fl-1938 saret konferenza tal-biedja f'Sydney (Awstralja) u fiha ħadu sehem il-mexxejja tal-biedja tal-Imperu Ingliż. F'dik il-konferenza ta' ħtieġa mill-ikbar kien inqata' li fil-pajjiżi kollha ta' l-Imperu l-bdiewa jwaqqfu kumitati msejħin "Commodity Councils" li, bis-saħħa tagħhom, il-bdiewa kien ikollhom l-aħjar tagħrif f'liema pajjiż jistgħu jibagħtu l-prodotti tagħhom u fl-istess ħin kienu jikkontrollaw id-dħul fil-pajjiż ta' prodotti tal-biedja li jistgħu jħassru s-suq lill-bidwi. "L-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa ta' Malta u Għawdex" kienet issieħbet f'dawn il-għaqdiet mal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa ta' l-Ingilterra, sewwa sew qabel il-gwerra, iżda l-gwerra ħassret dan il-ftehim għal xi żmien.

L-Għaqdiet Ko-operattivi jinsabu kullimkien. L-Ingliżi għandhom il-għaqdiet ko-operattivi tagħhom mill-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa u bis-saħħa tagħhom huma rnexxielhom jagħilbu l-kriżi li kienet inħolqot wara l-gwerra l-oħra.

Hi ħaġa żgura li jum jew ieħor il-bdiewa tagħna jsibu li jinħtieġ jaħdmu bil-Ko-operazzjoni. Iżjed ma jifhmu malajr il-ħtieġa tagħhom, iżjed ikun ta' ġid għall-biedja tagħna u għalihom infushom.

Ir-regolamenti li għamel il-Gvern dan l-aħħar dwar il-mili u t-tiswija tal-prodotti hu tabilħaqq pass il quddiem li jgħin sewwa meta jasal il-waqt li jibdew jaħdmu l-Għaqdiet li semmejna.

## IS-SWIEQ TAL-PAJJIŻ

### Taħlit ta' Daqsijiet

TA' min ifakkar lill-bdiewa illi t-taħlit tad-daqsijiet tal-prodotti huwa kontra l-liġi. Li wieħed jimla kull daqs għalih ma hux biss ta' vantaġġ kbir għax-xerxerrej, iżda wkoll ta' siwi kbir għas-suq kif ukoll għall-bidwi.

Hemm qara' bagħli li hu mexxej għal ħaġa, u hemm qara' bagħli li hu mexxej għal ħaġ'oħra. Jekk wieħed irid qara' bagħli għall-insalata allura jippreferixxi qara' bagħli żgħir imsejjaħ fis-swieq *pulit*. Jekk iriduh għall-forn allura jixtiquh kbir. Jekk wieħed iħallat id-daqsijiet flimkien la jikkuntenta lil wieħed u lanqas lill-ieħor. Dan jiġri mhux biss fil-qara' bagħli, iżda wkoll fi ħwejjeġ oħra.

Jiħtieġ li aħna nidraw mil-lum biex wara l-gwerra nkunu nafu kif għandna nibagħtu l-prodotti fis-swieq. Il-għala l-bidwi Malti m'għandux jidra l-progress li sar f'artijiet oħra?

Id-drawwa li wieħed jimla kif ġie ġie u jħalli s-sabiħ għall-wiċċ issa qiegħda tinqata', u jiħtieġ li tinqata' għalkollox. Nittamaw li jitkompla l-progress f'din il-ħaġa u li ma nerġgħux lura.

Xi bdiewa tefgħu wara spallejhom l-avviż li kellhom illi ma għandu jinġieb *xejn* għand il-pitkali wara nofs in-nhar. Il-bdiewa li jieħdu frott għand il-pitkal wara nofs in-nhar jitilfu s-suq tal-ġurnata, u l-frott b'hekk jiġrilu l-ħsara. Frott li jinġieb għand il-pitkal wara l-ħin li jiddeċiedi d-Dipartment tal-Biedja jibda jitħallas b'nofs prezz.

Il-frott jiħtieġ jinġieb filgħodu kmieni biex ikun jista' joħroġ fl-istess jum, mhux iżjed tard mid-9 u nofs ta' filgħodu.

### Tuffieħ Tadam

Ta' min ukoll igħarraf lill-bdiewa illi t-tuffieħ tadam jiħtieġ jibda jinqata' meta jibda jiħmar u mhux meta jsir sewwa. B'hekk jista' jiġrilu inqas ħsara fit-trasport tiegħu.

It-tuffieħ tadam biex iżomm tajjeb għandu jinqata' filgħodu qabel ma tisħon ix-xemx fuqu. B'hekk ukoll jinżamm aħjar. Dan żommu f'moħħok u għidu wkoll lil sħabek.

### Ful

Bosta mill-ful li kien hawn fis-suq kien ful marid u għalhekk ful li ma kienx mimli sewwa, u l-kwantità kbira li nġiebet fis-suq waqqgħet f'salt il-prezz tiegħu!

Sa kemm il-ful jimrad wieħed ma jista' jagħmel xejn; iżda l-bdiewa bdew iġibu fis-suq ukoll ful li ma kienx marid imma li ma kienx mela sewwa. Għaliex? Għax biċċa marad bis-sadid u biċċa oħra ġie merfugħ mill-budebbus.

Il-budebbus mhux marda! Il-budebbus hu pjanta parassita, jiġifieri ħaxixa li ma tistax tgħix weħidha iżda titrabba minn fuq dahar ħaxix ieħor. Allura ma hemmx rmedju għaliha? Dawk li kellhom il-budebbus hu jew ħtija tagħhom jew ħtija ta' bdiewa oħra li jħallu l-budebbus filgħalqa. Il-budebbus għandu jinqala' malli jidher l-iċken sinjal tiegħu u għandu jiġi maħruq. *B'hekk biss jista' jinqered!* Jekk inti tħallih iżerra' allura timla r-raba' tiegħek u ta' ħaddieħor ukoll. La taqtgħux u tixħtu fuq il-ħajt tal-għalqa għax il-budebbus ruħu ħoxna u jibqa' jarda' minnu nnifsu avvolja maqtugħ, u jwassal iż-żerriegħa.

### Suq Imgħobbi

Nuqqas ta' għaqal tal-bdiewa huwa li meta jaraw issuq imgħobbi bil-ħaxix huma jissuktaw iġibu iżjed biex jilħqu prezzijiet tajbin; b'hekk huma stess jifgaw is-suq, u jwaqqgħu l-prezzijiet! Bidwi bil-għaqal jieħu, iva, dawk l-uċuħ li ma jistgħux jistennew, bħalma hu l-qara' bagħli, iżda jżomm lura dawk il-ħxejjex li jżommu, bħal ful u basal. L-għaqal jiswa wisq flus!

## ĠWIEŻ GĦALL-BHEJJEM TAX-XOGĦOL

Iż-żmien tat-tqassim tar-razzjon tal-ġwież sa jkun mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju u t-trasferimenti ta' bhejjem minn sid għal ieħor li jsiru fil-15 ta' Mejju jew wara dik id-data ma jidħlux f'dan ir-razzjon ta' ġwież.

Ir-razzjon tal-ġwież ta' rtal ta' xgħir jitqassam hekk:—

Żiemel 185; Bagħal 175; Mezzu Kavallu 140; Pony 80; Baqra tax-xogħol 150.

## IL-BHEJJEM U L-GWERRA

IL-GWERRA tolqot il-pajjiżi kollha, l-iktar imbagħad lill-pajjiżi żgħar b'popolazzjoni kbira bħalma huma l-gżejjer ta' Malta. L-art tagħna billi ċkejkna tipproduċi ftit, fil-waqt li l-ħtieġa tan-nies li jgħammru fiha hija kbira. Dan ifisser li jkun hemm bżonn ta' tagħbijiet ta' bastimenti biex iġibulna l-merkanzija li hi meħtieġa għall-manteniment tagħna. Żmien il-gwerra l-bastimenti li soltu jġorru l-merkanzija jiskarsaw, xi ftit imħabba l-periklu ta' sottomarini, iżda mbagħad ħafna oħra għaliex jinħtieġu għat-trasport tat-truppi, munizzjonijiet u armamenti. Ħafna bdiewa jgħidulna: Għaliex il-Gvern ma jġibx il-ġwież?—Ir-raġuni hija dik li semmejna, jiġifieri li bosta vapuri huma meħtiġin biex jaqdu l-bżonnijiet tal-gwerra.

Billi fil-gwerra jinqata' l-kummerċ libru bejn pajjiż u ieħor u l-baħar ta' madwar l-artijiet ikunu fi stat ta' imblokk, l-affarijiet tal-ħajja jogħlew kollha kemm huma sew f'dawk il-pajjiżi li jkunu fi gwerra kemm f'dawk il-pajjiżi li jkunu newtrali u l-ġwież jogħla wkoll bħall-affarijiet l-oħra kollha, u għal Malta jogħla iżjed għax il-Gvern mhux biħsiebu jġib dan l-oġġett minn barra għalissa. B'hekk jiġi illi l-prezz tal-bhejjem jogħla wkoll fuq dak il-għoli li kien hawn d'għ mħabba l-iskarsizza tal-ġwież, minn kemm ilha l-gwerra. Aħna konna f'bejgħ ta' bhejjem b'għoli ta' prezzijiet li qatt ma nstama' fl-istorja ta' Malta.

Il-prezzijiet għolja heġġu lil kulħadd biex irabbu l-baqar u l-mogħoż għaliex il-ħalib qed jinbiegħ bi prezzijiet tajba; in-ngħaġ, it-tiġieġ u l-fniek kollha, kif ukoll il-prodotti tagħhom jitħallsu bi prezzijiet tajba. Kulħadd, għalhekk, jagħmel mill-aħjar biex irabbi, iżda mħabba n-nuqqas tal-ġwież it-torbija tal-bhejjem bħalissa ma tistax tiżdied. Dan hemm min jifhmu u hemm min ma jifhmux.

Bosta jidhrilhom li jistgħu jrabbu l-bhejjem mingħajr ma jagħlfu. Il-bhejjem kollha għandhom bżonn porzjon ta' għalf biex jitmantnew u porzjon ieħor għall-produzzjoni bħalma hu laħam, ħalib u suf fin-ngħaġ: jekk il-bhejjem ikunu żgħar il-produzzjoni għandha sservi biex dawn jikbru u jitmantnew. Għalhekk ma hemmx għalfejn inżommu numru akbar ta' bhejjem milli nistgħu nagħilfu bix-xabgħa. Nieħdu t-torbija tat-tiġieġ. Ir-razzjon ta' għalf tat-tiġieġ li soltu tingħata hija ta' 4 ewieq kuljum għal kull tiġieġa; għalhekk jekk għandi ġwież ta' 20 uqija għalf kuljum, nista' nżomm 5 tiġiġiet u b'hekk dawn it-tjur ikollhom ikel li jkun biżżejjed għall-għajxien tagħhom u biex ibidu: flok 5 nista' nżomm ukoll 10 tiġiġiet; dawn b'uqitejn ġwież igħixu wkoll, iżda ma niħdux bajd minnhom. Hija għalhekk ħaġa ċara li jaqbel iżjed li nżommu 5 tiġiġiet, imma min irabbi mhux dejjem kapaċi jagħmel raġunament hekk sempliċi; nistgħu aktarx ngħidu, madankollu, li dan ir-raġunament kapaċi jagħmlu, iżda r-regħba għal iżjed qligħ iġegħlu jipprova jrabbi iżjed tiġieġ milli jista'. Dan l-eżempju tat-tiġieġ jista' jservi għall-annimali l-oħra kollha.

Għan-nuqqas ta' ġwież nistgħu minn banda nirmedjaw billi nerfgħu bosta affarijiet li dari konna nixħtu fuq il-miżbla jew ma nagħtux kashom. Jixraq li f'dawn iż-żmenijiet nagħmlu ftit fienu; imħabba li bħalissa l-bhejjem naqsu, bosta bdiewa jibqagħlhom il-ħaxix żejjed; jekk, flok iħalluh jintilef jagħmlu fienu, isibu għalf iżjed il quddiem, l-iktar li bħalissa s-silla hija skarsa. Il-fniek, b'mod partikulari, igħaddu b'kollox; il-weraq tal-frotta tal-qaqoċċ jikluh, hekk ukoll tista' tgħid għal tant ħwejjeġ oħra. Il-ħurrieq jmnixxef jiswa wkoll għat-tiġieġ. Ix-xitwa li għaddiet bosta nies kienu jrabbu t-tiġieġ tagħhom bil-bebbux li kienu jiġbru mill-ġnien tagħhom. Dan is-sajf bosta nies jistgħu jiddubbaw il-qxur u ż-żerriegħa tat-tadam mill-fabbriki tal-kunserva. Nistħajjel hemm min igħid: Is-sena l-oħra lanqas ma kellna tuffieħ tadam x'nieklu, sa jkollhom biex jaħdmu l-fabbriki?—Dis-sena kellna xita mwaħħra, għalhekk tuffieħ tadam ikun hawn bil-bosta. Il-qxur u ż-żerriegħa tat-tuffieħ tadam tista' tnixxifhom u tagħtihom ftit ftit kuljum u hekk iservu għal żmien twil.

Minn għand dawk il-ġirien li ma għandhomx tjur tistgħu tiddubbaw il-fdalijiet tal-ħobż u ħxejjex; kollox jiswa f'dawn iż-żmenijiet. Jekk wieħed idur għal dawn l-affarijiet isib li jista' jiġbor ħafna ikel li bih irabbi tjur u annimali oħra.

